# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1606

## tal-25 ta' Ottubru 2018

## li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fis-16 ta' Ottubru 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit bis-saħħa tar-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU iddeżinja tliet bastimenti għal projbizzjoni fuq id-dħul fil-port u għat-tneħħija tal-bandiera.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BOGNER-STRAUSS

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

*ANNESS*

1) Fl-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509, taħt l-intestatura "B. Bastimenti li huma pprojbiti li jidħlu f'portijiet", il-bastimenti li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' bastimenti:

| | L-isem tal-bastiment | Numru tal-OMI | Data tad-deżinjazzjoni min-NU |
|---|---|---|---|
| "34. | **SHANG YUAN BAO**<br>Il-bastiment merkantili M/V SHANG YUAN BAO kien involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-bastiment tar-RDPK iddeżinjat min-NU M/V PAEK MA fit-18 ta' Mejju, 2018. Ix-SHANG YUAN BAO kien involut ukoll fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-bastiment tar-RDPK MYONG RYU 1 fit-2 ta' Ġunju, 2018. | 8126070 | 16.10.2018 |
| 35. | **NEW REGENT**<br>M/V NEW REGENT kien involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mat-tanker taż-żejt tar-RDPK KUM UN SAN 3 fis-7 ta' Ġunju, 2018. | 8312497 | 16.10.2018 |
| 36. | **KUM UN SAN 3**<br>It-tanker taż-żejt tar-RDPK KUM UN SAN 3 kien involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, ma' M/V NEW REGENT fis-7 ta' Ġunju, 2018. | 8705539 | 16.10.2018" |